MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2372/2002

**Stephen Grech u Miriam Grech**

**Vs**

**Alfred Seguna u Carmen Seguna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ Lm180.50c (mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti nofs l-ispiza ta’ riparazzjoni fid-drains komuni bejn il-partijiet.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-ispiza mitluba hija wahda li saret inutilment u li setghet kienet evitata. Il-konvenuti qalu wkoll li l-ispiza hija wahda esagerata.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti hija spjegata fl-ittra esebita bhala MG9 fejn il-konvenut Alfred Seguna spjega li ma kienx jaqbel li “ghandha tingieb il-kamera”; li hu kien lest

ihallas ammont ragjonevoli u li hu ma kienx jaf min se jaghmel ix-xoghol, meta kien se ssir ix-xoghol u kemm kien se jkun hemm spejjez. F’April tas-sena 2002 il-konvenuti permezz tal-avukat taghhom kien informaw lill-atturi li huma disposti ihallsu nofs l-ispejjez li jinvolvu tibdil tal-katusi.

B’ittra datata 6 ta’ Mejju 2002 l-avukat tal-atturi spjega lill-konvenut ix-xoghol li kellu ssir u talab il-kunsens tieghu ghal dan ix-xoghol.

Gie esebit l-ittra ta’ Philip B. Grech A & CE (fol 25) fejn gie spjegat b’mod car ix-xoghol li kellhu ssir u stima.

Il-konvenut ircieva kopja tar-rapport tal-perit izda sostna li ma kienx lest li jhallas dak l-ammont.

L-atturi spjegaw li kien hemm bzonn li jsir inspection sabiex wiehed ikun jaf ezattament fejn hemm il-hsara.

Xehed ukoll Joseph Muscat li spjega li l-konvenuti kienu talbuh jezamina l-katusi in kwistjoni. Muscat ikkalkula li x-xoghol kollhu kien se jigi Lm325.00c (tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin). Izda biex isir ix-xoghol li kien semma l-perit Grech, Muscat ikkalkula li dan ma kienx jammonta ghal xi Lm80.00c (tmenin lira Maltin).

Mill-provi prodotti jirrisulta li l-atturi kienu nformaw lill-konvenuti dwar x’kellu jsir u dwar kif se jagixxu. L-atturi marru ghand espert fil-materja u hadu parir minn ghandu. Dan il-parir intbaghat lill-konvenuti. Illi huwa ragjonevoli li l-atturi joqghodu fuq il-parir tal-perit Grech. Illi huwa veru li Joseph Muscat ikkalkula li x-xoghol li kellhu jsir, wara r-rapport tal-perit Grech, kien jiswa Lm80.00c (tmenin lira Maltin) izda fil-fatt l-atturi kellhom ihallsu ghar-rapport tal-Perit Grech u hallsu wkoll ghax-xoghol li sar. Il-perit Grech spjega li biex taqla kollox (cioe jekk ma sarx l-inspection professjonali) l-ispiza kienet se tkun xi elf lira jew ftit inqas. L-atturi kellhom ordni minn ghand id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika sabiex jaghmlu x-xoghol necessarju fi zmien stipulat f’ittra esebita a fol. 15. Ghalhekk jirrisulta manifestament li l-atturi agixxew b’mod

ragjonevoli u skond il-pariri li nghataw minn nies professjonali.

Il-konvenut kien qal li kien lest li jhallas is-sehem tieghu mill-ispejjez u mix-xhieda u d-dokumenti esebiti jirrisulta li l-ispejjez kienu ragjonevoli u neccessarji. Illi huwa veru li x-xhud Joseph Muscat sostna li x-xoghol setgha ssir b'inqas flus izda jirrisulta li l-atturi agixxew b'mod prudenti fuq avviz ta' perit li huwa espert u hallsu ammont ragjonevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------